31991D0095

27.2.1991 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 53/18

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
## tal-21 ta' Diċembru 1990
## dwar l-applikazzjoni proviżorja tal-Minuta Maqbula li temenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika tal-Bulgarija dwar il-kummerċ ta' prodotti tessili

(91/95/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 113 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi, skond id-Decizjoni 87/496/KEE [1], il-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika tal-Bulgarija dwar il-kummerċ fi prodotti tessili, imniedi fil-11 ta' Lulju 1986, ġie applikat b'mod proviżorju, safejn jeffetwa l-Komunità, mill-1ta' Jannar 1987, sakemm jintemmu l-proċeduri kollha neċċessarji għall-konklużjoni tiegħu;

Billi dak il-Ftehim jinkludi disposizzjonijiet għall-konsultazzjonijiet;

Billi l-Bulgarija aċċetat l-offerta tal-Komunità li tintegra fil-Ftehim għall-1991 id-disposizzjonijiet għall-importazzjoni mill-ġdid ta' prodotti tessili wara li jkunu proċessati, fabbrikati jew maħduma f'dak il-pajjiż, skond il-leġislazzjoni Komunitarja relevanti;

Billi ntlaħaq ftehim li l-Minuta Maqbula tal-konsultazzjonijiet li seħħu dwar dik il-kwistjoni sa jiġu appikati proviżjonalment sa mill-1 ta' Jannar 1991, sakemm jitlestew il-proċeduri neċċessarji għal konklużjoni tagħha, diment li jkun hemm applikazzjoni proviżorja reċiproka mill-parti interessata l-oħra,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu Uniku*

Il-Minuta Maqbula li temenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika tal-Bulgarija dwar il-kummerċ ta' prodott tessili għandu jiġi applikat b'mod proviżorju mill-1 ta' Jannar 1991 sa ma jkun formalment konkluż, bil-kondizzjoni li jkun hemm applikazzjoni proviżorja reċiproka mill-parti Kontraenti l-oħra.

It-test tal-Minuta Maqbula hu mehmuż ma din id-Deċiżjoni.

Magħmula fi Brussel, 21 ta'Diċembru 1990.

*F'isem il-Kunsill*

*Il-President*

A. RUBERTI

[1] ĠU L 287, tad-9.10.1987, p. 1.